

Waqt is-Servizz Ekumeniku fil-Pjazza tal-Knisja Parrokkjali tal-Qala

# Avveniment Ekumeniku fil-Qala

Fl-okkażjoni tal-Festi Solenni f'ġieħ il-Kbir Patrijarka San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali, u Patrun tal-Parroċċa tal-Qala, iffesteġġjati l-Ħadd 2 ta' Awwissu, fil-Pjazza prinċipali tal-imsemmija parroċċa, nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju, filgħaxija, ittella' it-tnax-il edizzjoni tal-*Gozo International Celebration*, bit-tema *Give Peace a Chance*.

Il-*Gozo International Celebration* fil-fatt jiġi organizzat tliet darbiet fis-sena, fil-Milied, fl-Għid u fil-Festa tal-Parroċċa.

Il-GIC hu avveniment ekumeniku għall-barranin li huma residenti jew ikunu qegħdin iżuru Għawdex.

Il-motto tal-GIC huwa *nipprommwovu d-diversità tal-kulturi u l-wirt f'Għawdex.*

L-ispirazzjoni biex sar dan l-avveniment ġiet mix-xewqa tal-Papa preżenti, Benedettu XVI, li jġib flimkien il-Kristjani tat-twemmin differenti.



Il-Grupp Folkloristiku Menhir ikanta Viva Malta

Il-Programm fetaħ bil-kant mużikali mill-Għaqda Mużikali *Ite ad Joseph*, bl-Innu tal-Banda u wara b'dak *Give Peace a Chance*.

Wara interventi mużikali minn Joseph u Annmarie Chetcuti, saru kelmtejn tal-okkażjoni mill-Arċipriet tal-Parroċċa u Ċermen tal-G.I.C, il-Kanonku Dr Joseph Zammit.

Ħadu sehem fost l-oħrajn il-Grupp Folkloristiku Menhir u s-*Sunnyside Folk Ensemble*.

Ipparteċipaw ukoll is-Soprani Ruth Portelli u Patricia Buttigieg, din tal-aħħar imwielda f'Melbourne, l-Awstralja, f'April tas-sena 1992. Ħa sehem ukoll il-pittur stabbilit Għawdxi mix-Xewkija, Anthony Caruana, li pinġa diversi xeni.

Lejn tmiem is-serata, il-Banda *Ite ad Joseph* daqqet l-Innu ta' San Ġużepp ta' Vincenzo Ciappara.



L-artist magħruf Anthony Caruana waqt it-tpinġijiet tal-lejla



Joseph Chetcuti fuq il-vjolin u Annmarie fuq il-pjanu

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. Ġużeppi Żerafa jidher jirfina l-Knisja l-qadima t'Għajnsielem

# Replika tal-Knisja ż-żgħira t'Għajnsielem

L-Arċipriet Emeritu tal-Parroċċa t'Għajnsielem, Mons. Ġużeppi Żerafa qiegħed jaħdem mudell replika tal-Knisja l-antika tal-Parroċċa, dik illi llum tkun miftuħa għal sigħat sħaħ għall-adorazzjoni.

Mons. Zerafa mistenni jlesti dan ix-xogħol fil-ġranet li ġejjin, sabiex dawk kollha li fil-jiem tal-festa tal-Madonna ta' Loreto, iċċelebrata f'Għajnsielem nhar it-30 t'Awsissu u li jżuru dan ir-raħal jkunu jistgħu jammiraw mhux biss xogħol idejn il-Monsinjur bl-irfinar u s-sbuħija ta' dan il-mudell, imma jkunu jistgħu jesperjenzaw il-paċi u s-serħan li wieħed isib meta jżur din il-knisja żgħira.

Din hija t-tielet biċċa xogħol tal-Monsinjur wara li aktar qabel kien ħadem ukoll l-Għajn tal-Ħasselin u l-Knisja Parrokkjali l-ġdida. Mistenni li jagħti bidu wkoll sabiex jagħmel mudell ieħor, din id-darba tal-Knisja ta' Lourdes, knisja li tinsab fir-raħal t'Għajnsielem.



Mons. Isqof Mario Grech iżur u jitkellem mat-tfal tal-Munxar

# Skola Sajf

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Parroċċa tal-Munxar qed torganizza skola sajf għat-tfal bis-sehem ta' numru ta' voluntiera. Din l-attività li issir fuq tliet ġimgħat sħaħ u barra l-ħin għal-logħob u divertiment ieħor, isservi bħala vjaġġ spiritwali u edukattiv ta' formazzjoni tal-karattru u tal-personalità. Fuq kollox din l-esperjenza qed isservi biex issaħħaħ ħafna l-valuri tas-solidarjetà, il-ħbiberija, il-parteċipazzjoni, ir-responsabbiltà u l-ġenerożità. Qed tgħin lil dawk kollha li qed jieħdu sehem biex ikunu iktar kapaċi jgħixu u jaqsmu mal-oħrajn, imma fl-istess waqt ikunu indipendenti.



It-tfal tal-Parroċċa tal-Munxar waqt waħda mill-attivitajiet ta' Skola Sajf

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*





Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**
***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***